MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 30/2009

Joe u Emilia konjugi Apap
vs
Romina Grima Etrugh

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-15 ta' Settembru 2009, li jghid hekk :

'Illi l-konvenuta ghandha thallas lill-atturi s-somma ta' erbgha mija u sitt Ewro u dsatax –il centezmu (€406.19) dovuti bhala bilanc minn somma akbar ta' konsum ta' dawl u ilma li l-konvenuta kkunsmat meta kienet qed tikri minghand l-atturi l-fond Flat A, 'Xambekk Court', Triq Wied Is-Seqer, Rabat, Ghawdex, skond kif jirrizulta mill-anness dokument markat 'A', liema ammont l-konvenuta qed tirrifjuta li thallas fl-intier tieghu minkejja li giet interpellata diversi drabi izda inutilment.

Illi huma dovuti mill-konvenuta wkoll l-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv dekorribbli mid-data tal-kont, u cioe'

Marzu 2009, kif ukoll l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali numru 537/2009 tal-5 ta’ Awwissu 2009.

Il-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.’

Ra li l-konvenuta minkejja li giet debitament innotifikat bl-avviz tat-talba fid-9 ta’ Ottubru 2009, baqghet ma dahhlet ebda risposta, izda dehret fl-udjenza tat-28 ta’ Ottubru 2009, fejn ammettiet it-talba tal-atturi u talbet zmien ghall-hlas billi mhijiex f’pozizzjoni li thallas l-ammont kollu f’daqqa ;

Fl-istess udjenza tat-28 ta’ Ottubru 2009, gie miftiehem bejn il-partijiet u debitament verbalizzat fl-atti, li dan it-Tribunal jaghti sentenza fejn jikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-atturi l-ammont mitlub minnhom fit-termini u b’dawk il-modalitajiet imsemmija fl-imsemmi verbal ;

Ra’ l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti ;

Sama’ l-ammissjoni tal-konvenuta debitament verbalizzata wkoll fl-atti ;

Ra wkoll il-verbal tal-partijiet tat-28 ta’ Ottubru 2009 ;

Wara li ra l-artikolu 9(2)(a) tal-Kap.380 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba attrici, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta’ erbgha mija u sitt Euro u dsatax –il centesimi (€406.19) ghar-ragunijiet imsemmija fl-avviz tat-talb, b’dan illi dan il-hlas ghandu jsir lill-atturi permezz ta’ zewg pagamenti rateali ta’ mitejn u tliet Euro u ghaxar centesimi (€203.10) –il wiehed kull xahar, bl-ewwel pagament ghandu jsir sa mhux aktar tard mit-28 ta’ Novembru 2009, u t-tieni pagament sa mhux aktar tard mit-28 ta’ Dicembru 2009, fuq liema somma m’ghandhomx jiddekorru ebda imghax, b’dan illi jekk il-konvenuta tkun moruza mqar f’wiehed minn dawn il-hlasijiet hija titlef minnufih il-beneficcju tat-terminu ghall-hlas, u l-ammont kollu jsir dovut immedjatament, u bl-imghax skond il-ligi li ghandu jibda jiddekorri fuq l-ammont

kollu li jkun fadal li jithallas minn dak in-nhar li jkun sar dovut u baqa’ ma thallasx sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 537/2009 tal-5 ta’ Awwissu 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------